# Il-Festa tal-Lunzjata Tifkiriet li nġedded kull sena

## Kitba ta' Charles Coleiro

Hal Tarxien tabilħaqq tista' ssejjaħhlu r-raħal tal-Madonna, għalkemm il-kelma raħal illum tintilef fl-iżvilupp li sar madwaru. Madankollu l-ħolqa li tgħaqqad l-imgħoddi maż-żmien ta' llum tibqa' l-qima Marjana u l-ħeġġa li t-Tarxiniżi jħossu f'qalbhom b'din l-imħabba biex minn sena għall-oħra l-festa tal-Lunzjata, tant għażiża għalina l-Insara, tkompli tikber. Ma rridx insemmi biss l-arti sagra li żżejjen it-tempju ewlieni u fost l-oħrajn, l-opra ta' Mastru Xand li naqqax is-safa u l-umiltà tal-Madonna fit-Tħabbira tal-Mulej jew l-ilwien ħajja fil-pittura ta' Gagliardi. Xtaqt noħroġ ukoll fit-toroq u l-wesgħat għax aħna bħala poplu Mediterranju nħossu l-ferħ ġewwieni li f'kull okkażjoni nuruh ukoll fil-beraħ. Ħadd ma jlumni jekk mill-armar u x-xogħol li jsir għall-festi ta' barra nieħu l-opra l-oħra, il-planċier artistiku li qiegħed jiżżanżan dis-sena. Din il-ħidma mgħobbija bis-snin tagħmel ġieħ lill-ħila ta' l-artisti Maltin u lis-Soċjetà Mużikali Marija Annunzjata li fi ħdanha twettqet din il-ħolma. Semmejt il-planċier tal-Banda ukoll jekk ħafif ħafif għax naf li dwaru ntqal u nkiteb ġa biżżejjed minn oħrajn midħla ta' l-arti.

Il-festa titulari ta' Ħal Tarxien hija mniżżla fuq quddiem fid-djarju tiegħi mhux biss għaliex hija waħda mill-ewwel festi ta' l-istaġun li kull min hu dilettant bħali ikun ilu sajjem ix-xhur mill-festi iżda l-aktar għaliex hawnhekk nilmaħ u nħoss l-ispirtu devot li jagħmel festa tabilħaqq Marjana. Inħoss bħalkom u magħkom il-polz ta' ferħ spontanju fil-ħruġ tal-vara mill-knisja b'laqtiet bejn poeżija, kant u briju u t-tifħir li joħroġ mill-qalb taż-żgħażagħ u oħrajn li jtennu dan id-dellirju waqt dawn id-dehriet ta' ġmiel fid-dħul tagħha fil-knisja.

Il-mixja ta' kull sena minn kull fejn tgħaddi l-purċissjoni nilmaħ il-familji miġbura fi djarhom u fuq il-bankina u nisthajjel jisimgħu mill-ġdid il-kliem ta' l-Arkanġlu "is-sliem għalik marija, mimlija bil-grazzji" u ħerqana jitolbuha l-grazzji li jeħtieġu. Aktar minn hekk meta tittawwal f'dawn id-djar, fit-twieqi, fil-kmamar tilmaħ ix-xbiha tagħha tixhed din l-imħabba.

Dawn it-tifkiriet sbieħ u iżjed, jiġġeddu wkoll fija kull meta nżur Ħal Tarxien fil-ġranet tal-festa. Mhux il-ħsieb tiegħi li nagħlaq dawn it-tifkiriet bi ħsibijiet oħra mċajpra għall-ġejjieni. Nixtieq biss minn qalbi li fil-festi tagħna tibqa' titqiegħed l-ewwel u qabel kollox it-tifsira reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-qaddisin u li missirijietna fittxew li dawn ikunu l-protetturi ta' l-ibliet u rħula f'dawn il-gżejjer.

Sylvia

**Pjazza Antoine De Paule, Paola**

**Tel: 666767**